ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 3

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2022

IS-SEBA' SENA **IL-MALTI (L-ORAL)** **KARTA 3**

IL-KARTA TAL-ISTUDENT

3A: Il-Qari Mgħajjat: It-Test Letterarju 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Dik l-imbierka telgħa

It-telgħa. Baqa' l-aħħar u l-aktar telgħa iebsa u sa fl-aħħar ikun wasal id-dar. Ġorġ kien ilu jaqdef mill-Marsa u ż-żaqżiq tar-rota kien ġennu u sewwidlu qalbu. Għax ir-rota issa qdiemet u tkissret u kien xeba' jorbot bil-fildiferru 'l hemm u 'l hawn. Allura għat-telgħa kien jinżel jimxi biex ma jkiddhiex aktar...

Għax, x'jagħmel jekk titkissirlu? Kif se jmur għax-xogħol? Mir-raħal għall-Marsa kien hemm ġibda u avolja hu kien imur id-dar jumejn kull ħmistax, kien jeħtieġlu jibża' għaliha r-rota. Jekk tinkiser, jekk tispiċċa, jekk tinsteraq żgur li m'hemmx oħra.

Imma issa għoddu wasal id-dar. Jeħtieġ li jifraħ. Ilu ħmistax nieqes. Ġorġ kien jaħdem il-Menqa ma' tal-inbid, kien jieħu ħsieb il-bhejjem tal-bejjiegħa li kienu jitilqu mas-sbieħ bil-btieti mimlijin iduru kull rokna ta' Malta u la jidlam tarahom ġejjin lura bil-btieti battala u s-Sinjur tal-Inbid jissakkar f'kamartu jara x'kien il-qligħ. Il-bhejjem kien jieħu ħsiebhom Ġorġ, iżarmalhom il-karettun, jitmagħhom, inaddfilhom, inagħalhom, idur mal-karettuni... u jisraq xi siegħa rqad biex ifittex iqum ħalli jerġa' jarma l-bhejjem. Imbagħad la jitlaq kulħadd kien jeħtieġlu jsewwi l-btieti, it-tindif, jaħżen u jlesti l-għalf għal-lejla, iqalleb id-demel, isewwi xedd il-bhejjem...

Kif nitbażwar, ħaseb hu u joqrob lejn id-dar.

Imma aħna għalhekk qegħdin.

Biex naħdmu.

Alla hekk irid.

Għalhekk twelidna. Biex nitbażwru.

Is-Sinjur jiġi darba f'ġimgħa, itaptaplu fuq dahru u jtih ħmistax-il xelin f'qiegħ idejh.

Ħmistax-il xelin!

Nirra... ilsieni jinxef – Nirra...

(silta mir-rumanz *Bejn mara u Qassis* ta' Paul P. Borg, 2008)

3B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti fuq KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżamintur. Tista' tikkwota kelma b'kelma mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Minn dak li qrajt, x'inhi l-impressjoni tiegħek fuq it-titlu tat-test: Dik l-imbierka telgħa?

2. Minn dak li qrajt, x'inhuma l-impressjonijiet tiegħek fuq il-karattru ta' Ġorġ?

3. Tkellem dwar ir-rabta li hemm bejn Ġorġ u r-rota kif tidher mis-silta.

4. X'messaġġ soċjali ried iwassal l-awtur fl-aħħar paragrafu meta jsemmi lis-Sinjur?

5. X'tara li fih speċjali l-istil u l-mod kif inhi miktuba din is-silta?

3Ċ: It-Taħdit: Diskussjoni dwar Tema 4 minuti / 5 marki

Ix-xogħol li nixtieq nagħmel meta nikber: kif qed nipprepara għalih

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Mal-eżaminatur ser tiddiskuti t-tema li tidher hawn fuq. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt li tiddiskuti t-tema. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-argument tiegħek. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.